ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 36 IT-TNEJN 10 TA' NOVEMBRU 2014**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 10 ta' Novembru 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina (fis-6.40pm), Ralph Puli, Bjorn Azzopardi (fis-6.40pm), Robert Reno Cremona (fis-6.35pm), Charles Farrugia, Jerome Caruana Cilia, Margaret Mercieca, Antoine Saliba Haig u Sean Meli.

Is-S.E. informa li l-Kunsillier Jason Busuttil kien infurma bil-miktub li ma kienx ser jattendi ghal din il-laqgha minhabba impenji tal-Kunsill oħra.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies din ir-raġuni bħala valida u għalhekk il-Kunsillier Jason Busuttil ġie meqjus bħala skużat għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**36/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 35**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 35 li nżammet nhar it-Tlieta 7 ta' Ottubru 2014, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni tas-Sindku.

**Ivvutaw Favur Seba'** Kunsilliera (07) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 35 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**36/02/01** F'dan l-istadju (fis-6.35pm) attenda għal-laqgħa Kunsillier Robert Cremona.

**36/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**36/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara li saret il-laqgħa tal-*Working Group: Traffic Management in Qormi*, fejn għaliha attendew uffiċjali għolja minn Transport Malta u l-Pulizija, saru żviluppi pożittivi fejn Transport Malta infurmatna li ħa jsiru titjib fir-roundabout fil-*junction* ta' Triq Imdina ma' Triq Manwel Dimech, kif ukoll fir-roundabout tal-*junction* ta' Triq San Sebastjan ma' Triq Qormi. Barraminnhekk, fil-*peak hours* qed ikun hemm pulizija f'punti strateġiċi biex it-traffiku jitmexxa aħjar. **DOK 'A**'

**36/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** informat li wara li l-Kunsill talab lill-Kunsill taż-Żgħażagħ biex jirrakkomandaw persuna biex tkun Ambaxxatur taż-Żgħażagħ, kellna żewġ proposti. Il-Kunsill approva li l-Ambaxxatur taż-Żgħaħagħ jinħatru dawn iż-żewġ persuni u jagħmlu sitt xhur kull wieħed. Dawn huma Claudia Camilleri u Brenda Fenech.

**36/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li beda ix-xogħol fi Sqaq Awżara bħala parti mill-proġett li qed isir permezz ta' fondi Ewropej taħt il-Miżura M413.A5. Għandhom jinħarġu sejħiet għall-kwotazzjonijiet biex isiru l-bankijiet, bins u *street lighting*.

**36/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ġibdet l-attenzjoni dwar inizjattiva biex il-Kunsill jipprova jindirizza l-problema' ta' arja nadifa u l-fran. Il-Kunsill ġie avviċinat min-numru ta' residenti fejn anke taw lill-Kunsill vażett bi trab iswed li huwa kkawżat minn ċumnija ta' forn partikolari. Peress li l-MEPA tistipula biss l-għoli taċ-ċumnija u ma tidħolx fil-mertu tat-tip ta' duħħan li jiġi ġġenerat, is-Sindku infurmat lill-Kunsill li se tikkummissjoni rapport tekniku minn inġinier dwar x'jistgħu jagħmlu is-sidien ta' dawn il-fran biex ma jiġġenerawx arja mniġġza. Fuq dan ir-rapport il-Kunsill ikun jista' jressaq talba għall-fondi ewropej biex is-sidien tal-fran ikunu mgħejjuna sabiex jikkoperaw f'dan il-proġett. Il-Kunsill approva unanimament din l-inizjattiva pproposta mis-Sindku.

**36/02/05** F'dan l-istadju (fis-6.40pm) attendew għal-laqgħa il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsillier Bjorn Azzopardi.

**36/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li saret laqgħa mal-Kumitat tat-Tmexxija dwar is-Swieq fil-Beraħ fejn ġejna infurmati li b'effett immedjat is-swieq fil-beraħ, inkluż dak ta' Ħal Qormi nhar ta' Sibt se jibda jsir it-tindif tiegħu mill-Gvern Ċentrali u mhux mill-Kunsill. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** kompliet tgħid li ġiet diskussa il-possibilta' li l-monti eżistenti jitmexxa lejn Triq l-Iljun / Triq l-Imdina iżda dwar din il-proposta għandha ssir laqgħa ma' Transport Malta. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet ukoll li issemmiet ukoll proposta biex ikun hemm suq fil-beraħ ieħor żgħir fil-parti tal-wied matul ix-xhur tas-sajf. Dwar din il-proposta il-Kunsill għad irid jiddiskuti aktar fit-tul jekk tali

proposta tasal bil-miktub mill-Kumitat tat-Tmexxija dwar is-Swieq fil-Beraħ.

**36/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li permezz tal-Iskema tal-ETC Xogħol fil-komunita', il-Kunsill ġie assenjat miegħu persuna li se tkun qed tagħmel xogħol ta' contracts manager dwar it-tindif u anke dwar ilmenti li jidħlu l-Kunsill. Permezz t'hekk il-Kunsill se jkun qed jiffranka eluf ta' ewro fejn għal dan is-servizz kienet se toħroġ sejħa għall-offerti li għaldaqstant f'dan l-istadju m'hemmx għalfejn toħroġ. Madanakollu, il-Kunsill se jkollu bżonn jixtri vettura. Il-Kunsill approva li tinxtara vettura second-hand u ingħatat struzzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv biex jieħu ħsieb jixtri din il-vettura. Intant, il-**Kunsillier Charles Farrugia** informa lill-Kunsill li hemm possibilta' li l-Kunsill jingħatalu vettura b'donazzjoni minn benefattur qormi.

**36/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-ġnien fi Triq Alexandra jinsab għaddej b'ritmu tajjeb wara li ġew indirizzati xi problemi li inqalgħu minħabba l-livelli, fejn il-perit se jkollu japplika għand il-MEPA għal xi *minor amendments*.

**36/02/09** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-marċ tal-Milied li jsir skont il-kuntratt mat-tlett baned lokali, se jinżamm nhar il-Ħadd 22 ta' Diċembru 2014. Dan se jibda fil-10.30am minn ħdejn kull każin rispettiv u jispiċċa fi Pjazza San Franġisk.

**36/02/10** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-kawżi li kellu minn Paul Magro dwar art fi Triq il-Belt Valletta waslu fi tmiemhom. Filwaqt li l-kawża kontra l-Kunsill, għadha ma ingħalqitx peress li fid-digriet tiegħu l-imħallef daħħal fil-każ lid-Dipartiment tal-Artijiet peress li hija l-awtorita' kompetenti fir-rigward. Madankollu, il-Kunsill ma ġiex eżentat mir-responsabbilta'. Fir-rigward tal-kawża kostituzzjonali, din inqgħatet favur il-Kunsill iżda sar appell li għandu jistema' fil-granet li ġejjin. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** fakkret li dan il-każ imur lura fi żmien meta l-Kunsill kien immexxi minn Clyde Puli fejn kien beda x-xogħol ta' piċċ tal-futbol flok ġnien. Ix-xogħlijiet tkomplew u ġew iffinalizzati fi żmien meta l-Kunsill kien immexxi minn Roderick Galdes. Dan il-ġnien kien jaqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill sabiex imantnih iżda qed jiġi allegat mis-Sur Paul Magro li parti mill-art fejn kien jinsab dan il-ġnien (fejn illum hemm il-piċċ 5-a side) u parti mit-triq hija proprjeta tiegħu. Intant, peress li illum il-kumplament tal-piċċ ġie mgħoddi lill-Kunsill Malti għall-Isport, il-Kunsill m'għandu l-ebda użu, ħlief tat-triq li hemm bejn il-piċċ u l-proprjeta tas-Sur Magro. Il-Kunsill se jkompli jiddefendi l-interessi tiegħu u tal-lokalita' fil-qrati Maltin.

**36/02/11** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** xtaqet tawgura lill-impjegata tal-Kunsill Maria Lewis u lir-raġel tagħha tal-wild li kellhom ftit tal-granet ilu. Il-Kunsill qabel li jinxtara memento żgħir tal-okkażjoni.

## 36/03 MISTOQSIJIET LIS-SINDKU

**36/03/01** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ressaq din il-mistoqsija lis-Sindku:

*Bħala kunsillier irċevejt numru ta' ilmenti dwar l-istat li tinsab fih l-istatwa ta' San Ġużepp fiż-żona magħrufa bħala tal-Vitorja. F'hiex wasal ir-restawr tal-istatwa ta' San Ġużepp? Jekk ir-restawr huwa lest, ifisser l-istatwa ta' San Ġużepp se tibqa' f'dak l-istat?*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet din ir-risposta:

*Ikun apprezzat jekk ningħataw aktar informazzjoni dwar x'tip ta' ilmenti irċevejt rigward l-istat tal-istatwa ta' San Ġużepp, peress li l-perit tal-Kunsill infurmana li x-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa u l-pedestal huwa lest u fil-fatt ġie iċċertifikat minnu. Il-ħlas lill-kuntrattur ġie approvat b'mod unanimu mill-Kunsill fis-seduta nru 25.*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** kompliet li l-uniku xogħol li fadal isir huwa post fejn jitpoġġew ix-xemgħat u dawl mal-istatwa. **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ikkonferma li l-ilmenti li rċieva kienu dwar dawn il-pendenzi li semmiet is-Sindku.

## 36/04 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' OTTUBRU 2014

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2014, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'B1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Ottubru 2014
**b)** *Bank Payments* Ottubru 2014.
**c)** *Petty Cash* Ottubru 2014.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** ssekonda.

**Ivvutaw Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

## 36/05 MOZZJONIJIET

### 36/05/01 MOZZJONI 115/2014

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 115/2014:

Qed nipproponi biex il-Kunsill Lokali ikun qed jipparteċipa b'mod attiv fil-festi tal-Milied;

Biex ikompli jaħdem id f'id mal-għaqdiet lokali;

Nipproponi biex bħalma għamel fis-snin preċedent il-Kunsill Lokali jidħol fi ftehim :-
mal-Għaqda Armar San Bastjan sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq San Sebastjan;
mal-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq il-Kbira/ Pjazza San Franġisk;
mal-Għaqda Soċjo Muzikali Anici sabiex jarmaw tizjin tal-Milied fi Triq San Ġwakkin Schembri u l-madwar
mal-Għaqda Triq il-Ħabbiez sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq il-Ħabbież u l-madwar

Fejn il-Kunsill ihallas tal-ispejjeż involuti bl-istess arranġamenti tas-sena l-oħra.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 115-2014(VI).

**36/05/02** **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** skuza ruħu mil-laqgħa (fis-7.20pm)

**36/05/03** **MOZZJONI 116/2014**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 116/2014:

Fuq talba tas-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati nipproponi biex dan il-Vacation Leave mhux meħud matul din is-sena 2014 sabiex ikun akkumulat ghas-sena 2015 ( Regolamenti Rizorsi Umani 10(1).

| | | |
|---|---|---|
| Kenneth Brincat | Segretarju Eżekuttiv | 80 siegħa |
| Marilyn Baldacchino Gatt | Assistent Principal | 60 siegħa |
| Ritienne Sammut | Assistent Principal | 70 siegħa |
| Maria Lewis | Assistent Principal | 192 siegħa |
| Bernice Darmanin | Assistent Principal | 40 siegħa |
| Noel Pace | Ufficjal Ezekuttiv | 30 siegħa |
| Bessie Tanti | Skala 18 | 18 siegħa |
| Roberta Mizzi | Skema | 48 siegħa |

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 116-2014(VI). **Is-Segretarju Ezekuttiv** għandu jitlob l-approvazzjoni tad-Direttur skont il-proceduri.

## 36/06 RAPPORTI

### 36/06/01 SKEMA DWAR INIZJATTIVI TA' ATTIVITAJIET KULTURALI

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq l-Memo maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvernn Lokali dwar tal-Iskema dwar Inizzjattivi ta' Attivitajiet Kulturali. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li din il-memo ġiet iċċirkolata lill-għaqdiet lokali kollha biex min hu interessat li jtella' attivita' konġuntament mal-Kunsill, issir l-applikazzjoni.

### 36/06/02 RAPPORT FINANZJARJU GĦALL-KWART LI JAGĦLAQ FIT-30 TA' SETTEMBRU 2014

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq ir-rapport finanzjarju għall-kwart li jagħlaq fit-30 ta' Settembru 2014. **DOK 'C'**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li f'dik li hija spiża rikurrenti il-Kunsill żamm man-nefqa stmata, anzi pjuttost saru infieq inqas minn dak stmat, dovut għall-fatt li l-Kunsill għamel perjodu b'impjegat anqas u anke fejn l-eżerċizzju ta' *cost cutting* u l-bdil fil-kuntratti bdew iħallu riżultati pożittivi. L-ispiża kapitali reġistrata kienet dik tal-*Heritage Trail* biss, fejn il-proġetti l-oħrajn ta' asfaltar u bankini ppjanati ħadu fit-tul biex jinbdew.

**Il-Kunsill appova unanimament dan ir-rapport finanzjarju.**

## 36/07 KORRISPONDENZA

36/07/01 **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'D 1-4'**

1. Dwar informazzjoni mill-*Malta Records* li n-Nutella Festival organizzat b'kollaborazzjoni mill-Inspire Foundation se jiġi organizzat f'Ħal Qormi fit-12 t'April 2015. Il-Kunsill ħa nota.

2. Dwar informazzjoni mis-Soċjeta' Filarmonika Pinto dwar il-kunċert annwali skont il-kuntratt, dan ħa jsir fis-7 ta' Diċembru 2014 fis-Sala tal-Kulleġġ Sant'Injazju, Ħandaq. Il-Kunsill approva *nem.con* u fakkar biex tiġi segwita l-proċedura skont il-kuntratt.

3. Petizzjoni mir-residenti ta' Sqaq Nru 3 Triq il-Kbira u Triq il-Mejjilla, sabiex isir kanċell f'dan l-isqaq li jingħalaq biss fl-okkażjoni taż-żewġ festi ta' San Ġorg u San Sebastjan, minħabba l-abbużi kontinwi li jseħħu f'dan l-isqaq. **Il-Kunsillier Ralph Puli** sostna li xi wħud minn dawn in-nies avviċinawh u din it-talba hija waħda ġenwina u rejali fejn għaldaqstant jaqbel magħha. Il-Kunsill iħoss li jekk jilqa' din it-talba ikun qed joħloq preċedent fejn din l-istess problema tinsab f'diversi sqaqin oħrajn madwar il-lokalita'. Il-Kunsill qabel *nem.con* li fil-ġranet tal-festi jitqabbad gwardjan lokali biex joqgħod għassa fid-daħla tal-isqaq u ma jħallix li jseħħu dawn l-abbużi. Għandha wkoll issir talba lill-Pulizija biex fil-festi ikun hemm *barrier* ħalli tkun qed tiffaċilita' x-xogħol tal-gwardjan lokali.

4. Applikazzjoni mill-Kunsill taz-Zgħazagħ lill-Aġenzija Żgħażagħ fejn ipproponew proġett li jikkonsisti f'Seminar. Il-Kunsill awgura liż-żgħażagħ jiksbu suċċess f'dan il-proġett interessanti.

**36/08 INFORMAZZJONI**

**36/08/01** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar jekk kienx hemm żviluppi dwar il-proposta ta' one way fi Triq Marju Pace u fi Triq il-Belt Valletta. Is-Segretrju Eżekuttiv irrisponda li fil-każ ta' Triq Marju Pace, il-Kunsill irċieva reazzjonijiet fejn xi residenti ma' qablux ma' din il-proposta u ġie ppropost li l-one way tkun bil-kontra. Il-Kunsill qabel nem.con ma' dan is-suġġeriment u ġie ppropost ukoll li tingħalaq id-daħla minn Triq Gużè Duca għas-service road quddiem Triq Marju Pace.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** kompla li fir-rigward ta' Triq il-Belt Valletta, wara li ressaq il-proposta tiegħu li ssir *one-way* kantuniera ma' Triq Lapsi, ikkonsulta ma' xi residenti li ma jaqblux ma' din il-proposta u qed jiġi ppropost li l-one-way tibda' minn ma' Triq l-Għadira u li din tkun effettiva biss bejn is-7.00am u d-9.00am. Il-Kunsill qabel *nem.con* sabiex jerġgħu isiru id-disinji mill-perit tal-Kunsill b'din il-proposta u ssir konsultazzjoni mar-residenti permezz ta' ittra.

**36/08/02** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ġibed l-attenzjoni dwar għalfejn tneħħiet il-*Bring in Site* fi Triq tal-Bajjada. Is-Sindku Rosianne Cutajar irrispondiet li l-Kunsill irċieva bosta ilmenti mir-residenti dwar l-abbużi li

kienu jseħħu. Il-Kunsill qabel nem.con li għandu jevalwa l-possibilta' li din il-*Bring in Site* terġa ssir ftit aktar 'il fuq fejn m'hemmx residenti.

**36/08/03** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** sostna li l-proġett ta' kontra l-għargħar kien suċċess iżda għad hemm xi affarijiet li jiġu irfinuti. Fost oħrajn semma li hemm bzonn li jsiru *culverts* addizzjonali fi Triq il-Wied kantuniera ma' Triq il-Blata kif ukoll ieħor fi Triq il-Wied kantuniera ma' Sqaq l-Għadira. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** irrispondiet li dawn diġa tressqu lill-awtoritajiet fejn ġejna infurmati li dawn għandhom isiru max-xogħlijiet ta' *culverts* li se jsiru fi Triq il-Bard/Ħammieri fis-sejħa tal-offerti ġdida li ħareġ il-gvern.

**36/08/04** **Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** saqsiet dwar jekk il-kuntrattur u l-Green Pak aċċettawx li tibda ssir ġabra tal-ħġieġ darba fix-xahar bħal Kunsilli Lokali oħrajn. Il-Kunsill għandu jagħmel trattativi magħhom biex dan is-servizz jinbeda minn Jannar 2015.

## 36/09 AĠĠORNAMENT

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 1 ta' Diċembru 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-08:05 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2014.